Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija

*Għall-Apikultura Sostenibbli!*

Referenza 23-04

Illum l-għoxrin jum ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin.
Il-Jum Dinji tan-Naħal

# TALBA BIEX IN-NAĦLA MALTIJA TIĠI DIKJARATA BĦALA L-INSETT NAZZJONALI

***Lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi,***

***Il-'Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija' li hi rreġistrata mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (VO/2403) qiegħda formalment tibgħat din it-talba skont il-provedimenti tal-leġislazzjoni sussidjarja 549.120 rigward ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali), biex in-Naħla tal-għasel Maltija, jew kif xjentifikament hi magħrufa*** **Apis mellifera ruttneri*****, tiġi ddikjarat bħala l-Insett Nazzjonali.***

## In-Naħla Maltija

Fost ir-reġjuni li l-ispeċi tan-naħla tal-għasel (*Apis mellifera*) hi indiġena, insibu dak Mediterranju. Fil-gżejjer Maltin, insibu tgħammar is-sottospeċi (razza) tan-naħla tal-għasel Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) li tinsab biss fl-arċipelagu Malti, fatt li jagħmilha endemika għal dawn il-gżejjer. Huwa ċar li l-karaterristiċi tan-Naħla Maltija qed jiġu mniġġsa min-naħal tal-għasel ta' razez barranin li qegħdin jiġu impurtati f'pajjiżna. Peress li n-naħal tal-għasel jitgħammar fuq barra b'distinzjoni minima bejn sottospeċi differenti, dan qiegħed iwassal sabiex il-ġenetika tan-Naħla Maltija li kienet iżolata għal għexieren ta' snin titħallat (*hybridisation*). Konsegwentament, minħabba dan it-taħlit in-Naħla Maltija qiegħda tinqered għaliex qed titlef il-karatteristiċi 'Maltin' li kienu jsawwruha u jagħmluha unika fost in-naħal

tal-għasel. Iktar minn hekk, dan iwassal sabiex l-adattament li kellha biex tgħix f'abitat u klima lokali jintilef ukoll. Il-proċessi evoluzzjonarji li waslu sabiex din is-sottospeċi tifforma, fosthom tas-sopravivenza tal-aktar tajbin (*survival of the fittest*), ġew imfixkla bil-kbir għad-detriment tas-sottospeċi li tagħmel parti mill-patrimonju naturali ħaj Malti. Il-proċess antropoġeniku ta' taħlit bla dubju tefa' lil din is-sottospeċi endemika għal pajjiżna f'riskju serju t'estinzjoni.

Tajjeb li ssir ukoll referenza għas-settur apikulturali lokali, li jiddependi intrinsikament fuq in-naħla tal-għasel Maltija. Fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tas-sottospeċi lokali hi ukoll importanti ferm. Il-potenzjal t'addament għal klima iktar ħarxa fil-futur qarib qiegħda biss fil-konservazzjoni tas-sottospeċi endemika. L-importanza tal-konservazzjoni tan-naħla lokali u t-trobbija tagħha hu vantaġġuż u ta' importanza. Fiha innifisha s-sottospeċi Maltija għandha valur intrinsiku sforz l-endemiċità tagħha, li tkompli tarrikkixxi il-bijodiversità lokali. Il-konservazzjoni ta' din is-sottospeċi huwa neċessarju anke f'ambitu t'apikultura sostenibbli fil-ġejjieni.

**Dwar il-Fondazzjoni**

L-iskop ewlieni tal-'Fondazzjoni' hu sabiex tfassal u taħdem fuq pjan t'azzjoni dwar il-konservazzjoni tan-Naħla Maltija u tieħu ħsieb il-koordinament u l-eżekuzzjoni tiegħu. Din il-fondazzjoni qed taħdem fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-Naħla Maltija b'dawn l-objettivi li huma bbażati fuq l-għan prinċipali;

a) Tgħarraf bl-importanza tan-Naħla Maltija għall-ambjent naturali ta' pajjiżna (ekoloġija) u għas-settur tal-apikultura u f'iktar sens wiesgħa dak agrikolu.

b) Tgħarraf li n-Naħla Maltija tagħmel parti mill-patrimonju naturali Malti u għalhekk jistħoqqilha li tiġi kkonservata b'mod olistiku.

c) Tinkoraġġixxi l-għarfien, it-trobbija u r-riċerka fuq in-naħla endemika Maltija.

d) Tiġbor taħt umbrella waħda u tikkoordina entitajiet varji, individwi u organizzazzjonijiet mhux governattivi li għandhom interess fil-konservazzjoni tan-Naħla Maltija.

e) Tagħmel pressjoni biex jiġi mfassal pjan sabiex in-Naħla Maltija tkun protetta b'mod olistiku.

**Rapport Legali dwar il-Protezzjoni tan-Naħla Maltija**

Il-'Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija' flimkien mas-Sur David Chetcuti Dimech (awtur ewlieni u gradwat fil-liġi) u l-Professur Simone Borg (akkademiku superviżorju u professur fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta), ikkonkludejna rapport legali li jittratta 'Il-Protezzjoni tan-Naħla Endemika Maltija'. Dan ir-rapport ġie ppublikat fil-ġurnal '*European Energy and Environmental Law Review*'[1]. Din il-karta legali tirriċerka diversi modi ta' kif in-Naħla Maltija tista' tiġi protetta b'mod olistiku billi jiġu applikati liġijiet kurrenti Maltin, Ewropej u Internazzjonali. L-istudju jitlaq mill-premessa li t-taħlit tal-ġenetika li jinħoloq mill-proċess ta' *hybridisation,* hu wkoll meqjus bħala tip ta' tniġġis, u għaldaqstant jagħmel ħsara ambjentali. Il-prinċipju prekawzjonarju huwa wkoll elenkat. Il-karta legali teżamina kif naħal lokali ġo pajjiżi jew reġjuni Ewropej ġew protetti u x'kienu l-konklużjonijiet tal-qorti Ewropeja meta dawn il-liġijiet ġew sfidati. Ir-rapport ifassal diversi rakkomandazzjonijiet ta' kif in-Naħla Maltija tista' tiġi protetta. L-aktar waħda plawsibbli hi li din in-Naħla tiġi ddikjarata bħala 'L-Insett Nazzjonali'. B'din id-dikjarazzjoni tkun qed tingħata l-għola livell ta' protezzjoni li din is-sottospeċi endemika.

**Talba**

Skond ir-regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali L.S. 549.120) kif indikat f'artiklu 4(a) l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi hi l-amministratur ta' dawn ir-regolamenti. L-istess liġi f'artiklu 5 tgħid li l-awtorità kompetenti tista' tiddikjara aktar Speċi Nazzjonali sakemm dawn l-ispeċi jkunu jaqgħu taħt xi waħda jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(a) speċi selvaġġi indiġeni għall-Malta jew li huma rappreżentattivi tal-flora u fawna ta' Malta; jew

(b) speċi selvaġġi endemiċi għall-Gżejjer Maltin u l-ilmijiet u l-ibħra tagħhom; jew

(ċ) speċi ta' importanza partikolari minħabba l-interess xjentifiku, ekoloġiku, fuq il-biodiversità, bioġeografiku, pajsaġġ jew interess edukattiv li jqajmu; jew

(d) speċi li għandhom konnessjoni speċifika kulturali jew storika ma' Malta u mal-identità tagħha; jew

(e) speċi mhedda, rari, u possibbilment estinti, partikolarment speċi b'firxa ristretta f'Malta; jew

[1] Dimech, David Chetcuti, Simone Borg, Abner Joe Buttigieg, and Dylan Farrugia. "Review of the Maltese and European Laws related to the Genetic Protection of the Endemic Maltese Honey Bee (Apis mellifera ruttneri)." European Energy and Environmental Law Review 32, no. 3 (2023).

(f) speċi kariżmatiċi li jservu bħala simbolu jew punt fokali biex jitqajjem għarfien u kuxjenza ambjentali u li jistgħu jiġu meqjusa bħala speċi xempju; jew

(g) speċi li għandhom potenzjal li jkabbru l-interess għall-ħarsien tal-ambjent naturali jew li kapaċi jinfluwenzaw f'mod favorevoli attitudnijiet favur il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-ambjent; jew

(h) speċi li fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti jissodisfaw kriterji relevanti simili għal dawn.

In-Naħla tal-għasel Maltija taqa' taħt iktar minn waħda mill-kriterji imsemmija u għaldaqstant jixirqilha dan it-titlu. Infakkru wkoll li l-konservazzjoni tan-Naħla Maltija kienet wkoll proposta (numru 596) fil-manifest elettorali tal-partit preżentament fil-gvern. Nemmnu wkoll li b'din id-dikjarazzjoni n-Naħla Maltija tista' sservi bħala l-*mascot* tal-'Istrateġija dwar id-Dakkara' li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda tfassal bħalissa. Il-liġi stess tagħmel aċċen għal użu ta' "speċi kariżmatiċi li jservu bħala simbolu jew punt fokali biex jitqajjem għarfien u kuxjenza ambjentali u li jistgħu jiġu meqjusa bħala speċi xempju". Din id-dikjarazzjoni tmur ukoll id f'id mal-'Istrateġija Nazzjonali fuq il-Biodiversità għal 2030' li l-istess Awtorità qiegħda tfassal, għaliex dan ikun pass sod lejn il-protezzjoni tal-biodiversità fraġli lokali.

Nittamaw li l-Awtorità tilqa' t-talba tagħna li fl-għeruq tagħha għandha skopijiet nobbli mmirati lejn il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt naturali ħaj li nsibu f'dawn il-gżejjer, b'riżq il-ġid komuni. Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

Tislijiet,
**Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija**
**(VO/2403)**

Iffirmati

**Dylan Farrugia,** B.Sc. (Hons.) Biology (Melit.), M.Sc. Mol. & Cell Biology (Melit.)
Ko-Fundatur u Amministratur (President) tal-KNM

**Abner Joe Buttigieg,** B.Sc. (Hons.) Biomed. Sc. (Melit.), M.Sc. Med.Micro. (Ulster)
Ko-Fundatur u Amministratur (Segretarju) tal-KNM

**Neil Cutajar,** B.Sc. (Hons.) Biology & Chemisty (Melit.)
Amministratur (Teżorier) tal-KNM